SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

11 ta' Diċembru 2014*

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' werqa ħaxixa ġewwa flixkun — Trade mark nazzjonali tridimensjonali preċedenti — Użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 75 u Artikolu 76(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Produzzjoni ta' provi għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell — Setgħa diskrezzjonali mogħtija mill-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 — Obbligu ta' motivazzjoni"

Fil-Kawża T-235/12,

CEDC International sp. z o.o., stabbilita f'Oborniki Wielkopolskie (il-Polonja), irrappreżentata minn M. Siciarek, G. Rząsa u J. Mrozowski, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn D. Walicka, bħala aġent,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, hija

Underberg AG, stabbilita fi Dietlikon (l-Isvizzera), irrappreżentata minn V. von Bomhard, A. Renck u J. Fuhrmann, avukati,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Marzu 2012 (Każ R 2506/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Przedsiębiorstwo Polmos Białystok (Spółka Akcyjna) u Underberg AG,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn D. Gratsias, President, M. Kancheva (Relatur) u C. Wetter, Imħallfin,

Reġistratur: C. Heeren, Amministratur,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Mejju 2012,

wara li rat ir-risposta tal-UASI ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Ottubru 2012,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Ottubru 2012,

wara li rat ir-replika ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Jannar 2013,

wara li rat il-kontroreplika tal-UASI ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Mejju 2013,

wara li rat il-kontroreplika tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Mejju 2013

wara li rajt il-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali lill-partijiet,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April u tal-5 ta' Mejju 2014,

wara s-seduta tal-5 ta' Ġunju 2014,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fil-1 ta' April 1996, l-intervenjenti, Underberg AG, ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja quddiem l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 94/20, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146) kif emendat [issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)].

2 It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni huwa s-sinjal tridimensjonali riprodott iktar 'il quddiem:




3 It-trade mark Komunitarja tridimensjonali li għaliha saret l-applikazzjoni tikkorrispondi għad-deskrizzjoni li ġejja: "Werqa ħaxixa kannella-ħadranija ġewwa flixkun; it-tul tal-werqa ħaxixa huwa madwar tliet kwarti tat-tul tal-flixkun".

4 Il-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jaqgħu b'mod partikolari fil-klassi 33 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irrivedut u emendat, u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni segwenti, jiġifieri "Spirti u likuri".

5 L-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja ġiet ippubblikata fil-*Bullettin tat-trade marks Komunitarji* Nru 51/2003, fit-23 ta' Ġunju 2003.

6 Fil-15 ta' Settembru 2003, Przedsiębiorstwo Polmos Białystok (Spółka Akcyjna), li għaliha r-rikorrenti, CEDC International sp. z o.o, ġiet issostitwita wara amalgamazzjoni b'akkwist li saret fl-2011, ressqet oppożizzjoni skont l-Artikolu 42 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009), għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għall-prodotti msemmija fil-punt 4 iktar 'il fuq.

7 L-oppożizzjoni kienet b'mod partikolari bbażata fuq it-trade mark Franċiża tridimensjonali preċedenti Nru 95588457, ippreżentata fit-18 ta' Settembru 1995, irreġistrata fit-18 ta' April 1997 taħt in-numru 95588457 u mġedda fid-9 ta' Ġunju 2009 għal "xarbiet alkoħoliċi", inklużi fil-klassi 33 tal-Ftehim ta' Nice, kif riprodotta iktar 'il quddiem:



8 Din it-trade mark Franċiża tridimensjonali tikkorrispondi għad-deskrizzjoni li ġejja: "flixkien kif irrappreżentat iktar 'il fuq li fil-parti ta' ġewwa tal-flixkien hija mqiegħda werqa ħaxixa f'pożizzjoni kważi djagonali".

9 L-oppożizzjoni kienet ukoll ibbażata fuq it-trade mark Ġermaniża Nru 39848553, it-trade marks Pollakki Nri 62018, 62081 u 85811, it-trade mark Ġappuniża Nru 2092826, it-trade mark Franċiża Nru 98746752 kif ukoll sinjali li ma humiex irreġistrati mitluba f'diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.

10 Ir-raġunijiet invokati insostenn tal-oppożizzjoni kienu dawk imsemmija, l-ewwel nett, fl-Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 207/2009] għat-trade mark Franċiża tridimensjonali preċedenti riprodotta fil-punt 7 iktar 'il fuq, it-tieni nett, fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(3) tar-Regolament

Nru 207/2009] għall-istess trade mark kif ukoll trade marks irreġistrati indikati fil-punt 9 iktar 'il fuq, u, it-tielet nett, fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009] għal sinjali li ma humiex irreġistrati msemmija fil-punt 9 iktar 'il fuq.

11 Fil-11 ta' Lulju 2007, ir-rikorrenti pproduċiet provi tal-użu mit-trade mark tagħha Franċiża tridimensjonali preċedenti fit-terminu stabbilit mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u ffissat għall-1 ta' Awwissu 2007, bi tweġiba għal talba f'dan is-sens min-naħa tal-intervenjenti. Fit-3 ta' Lulju 2008, ir-rikorrenti żviluppat l-argument tagħha rigward il-prova tal-imsemmi użu.

12 Fit-18 ta' Ottubru 2010, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ċaħdet l-oppożizzjoni kollha kemm hi. B'mod partikolari hija qieset li l-provi prodotti kienu insuffiċjenti sabiex jiġi stabbilit l-użu ġenwin mit-trade mark Franċiża tridimensjonali preċedenti u li l-preżenza, fuq il-flixkun ikkummerċjalizzat, tat-tikketta li tinkludi t-terminu "żubrówka" u r-rappreżentazzjoni ta' bison tbiddel il-karattru distintiv tal-imsemmija trade mark fil-forma li fiha hija kienet ġiet irreġistrata.


13 Fis-17 ta' Diċembru 2010, ir-rikorrenti ppreżentat appell quddiem l-UASI, skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009, mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Fit-18 ta' Frar 2011, hija ppreżentat nota li tesponi r-raġunijiet tal-appell, li kienu mehmuża ma' provi tal-użu li ma kinux prodotti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

14 Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2012 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), ir-raba' Bord tal-Appell tal-UASI ċaħad l-appell kollu kemm hu.

15 L-ewwel nett, rigward ir-raġuni ta' oppożizzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 207/2009, qabel kollox il-Bord tal-Appell, fir-rigward tal-provi tal-użu prodotti mir-rikorrenti quddiemu, irrileva s-segwenti:

> "13 Il-provi tal-użu prodotti mir-[rikorrenti] jinkludu, b'mod partikolari, żewġ dikjarazzjonijiet taħt ġurament, li waħda minnhom hija tad-Direttur Finanzjarju u President ta[r-rikorrenti] u l-oħra tal- PDG de Pernod S.A., id-distributur esklużiv tal-vodka 'Żubrówka' ta[r-rikorrenti] għat-territorju Franċiż. Dawn id-dikjarazzjonijiet taħt ġurament jipprovdu li, matul il-perijodu inkluż bejn l-2000 u l-2004, 'kull flixkun ta' vodka ZUBROWKA li kien mibjugħ fi Franza kien ipproċessat fi flixkun li kien jinkludi werqa ħaxixa ta' bison identika għal dik irrappreżentata fir-reġistrazzjoni Franċiża Nru 95 588 457'. Ir-rappreżentazzjoni sussegwenti tal-vodka ta' trade

mark ZUBROWKA, kif kien iddikjarat li kienet mibjugħa fi Franza matul il-perijodu rilevanti [li kien jestendi mit-23 ta' Ġunju 1998 sat-22 ta' Ġunju 2003], kienet mehmuża maż-żewġ dikjarazzjonijiet taħt ġurament:



14 Barra minn hekk il-provi jinkludu ċertu numru ta' prospetti intiżi għad-distributuri Franċiżi għal dak li jikkonċerna s-snin 1999 sa 2002, li juru l-preżentazzjonijiet li ġejjin tal-vodka 'Żubrówka':

15 Bl-istess mod, il-provi jinkludu ċertu numru ta' prospetti tas-snin 2003 sa 2006, iddistribwiti mis-supermarkits Franċiżi, li juru l-preżentazzjonijiet li ġejjin tal-vodka 'Żubrówka':

16 Ma kienet prodotta ebda preżentazzjoni oħra ħlief dawk irrappreżentati fit-tliet paragrafi preċedenti."

16 Sussegwentement il-Bord tal-Appell qies li t-trade mark Franċiża, li l-użu tagħha kien ġie pprovat, li kienet tikkonsisti fi "flixkun ta' forma komuni, li jinkludi, fuq il-ġisem, linji li [kienet] testendi dijagonalment bin-naħa tax-xellug tal-flixkun, li tibda' eżatt minn taħt l-għonq, sat-tarf oppost tal-qiegħ", kif riprodotta fil-punt 7 iktar 'il fuq; li l-prova tal-użu kienet turi fliexken taħt żewġ forom differenti, iżda dejjem bl-istess tikketta "ZUBROWKA BISON VODKA" impressjonanti u mhux trasparenti, li jkopru parti sinjifikattiva tal-fliexken, u li l-linja dijagonali ma kinitx imwaħħla fuq is-superfiċje ta' barra u ma kinitx tidher fuq it-tikketta stess. Barra minn hekk, huwa qies li, minħabba l-preżenza tat-tikketta, ma kienx possibbli li wieħed jara x'kien hemm wara t-tikketta jew fil-fliexken.

17 Fl-aħħar nett, il-Bord tal-Appell ikkonkluda li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti ma pprovatx in-natura tal-użu mit-trade mark tagħha Franċiża tridimensjonali preċedenti, jiġifieri l-użu ta' din it-trade mark kif irreġistrata jew taħt forma li hija differenti mill-elementi li ma jbiddlux il-karattru

distintiv tat-trade mark li fiha kienet ġiet irreġistrata. Minn dan huwa ddeduċa li, peress li din it-trade mark kienet l-unika trade mark preċedenti li fuqha kienet ibbażata l-oppożizzjoni skont l-Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 207/2009, din l-oppożizzjoni kellha tiġi miċħuda.

18 It-tieni nett, rigward ir-raġuni ta' oppożizzjoni msemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009, il-Bord tal-Appell qies li r-rikorrenti ma pprovatx l-użu reali tas-sinjal li ma humiex irreġistrati mitluba f'diversi Stati Membri tal-Unjoni (ara l-punt 9 iktar 'il fuq), b'mod partikolari fil-Ġermanja, u konsegwentement, ċaħad l-oppożizzjoni bbażata fuq din ir-raġuni.

19 It-tielet nett, rigward ir-raġuni ta' oppożizzjoni msemmija fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 207/2009, il-Bord tal-Appell qies li r-rikorrenti ma pprovat la l-użu reali tat-trade marks invokati (ara l-punt 9 iktar 'il fuq) lanqas fid-dokumenti kuntrattwali prodotti ebda relazzjoni ta' aġent jew attività kummerċjali mal-intervenjenti u, konsegwentement, ċaħad l-oppożizzjoni bbażata fuq din ir-raġuni. Għal raġunijiet ta' kompletezza, huwa żied li, għal ċerti trade marks invokati, is-sjieda tar-rikorrenti ma kinitx ipprovata jew ukoll li d-data ta' preżentazzjoni tagħha kienet wara dik tat-trade mark ikkontestata jew ukoll li l-eżistenza tagħhom ma kinitx suffiċjentement issostanzjata skont ir-Regola 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189), b'mod partikolari minħabba t-traduzzjoni Ingliża, il-lingwa tal-kawża quddiemha.

It-talbiet tal-partijiet

20 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla, fit-totalità tagħha, id-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

21 L-UASI u l-intervenjenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq l-ammissibbiltà tal-annessi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali

22 Ir-rikorrenti tipproduċi, għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali, annessi li jinkludi u sentenza tat-Tribunal Amministrattiv ta' Varsavja tal-24 ta' Awwissu 2011 (Anness C.2) u deċiżjoni tal-Uffiċċju Pollakk tal-Privattivi tad-19 ta' Ottubru 2012 (Anness C.3), flimkien ma' estratt mil-Liġi Pollakka fuq id-dritt ta' Proprjetà Industrijali tal-2000 (Anness C.4), li kkonfermaw li t-trade mark Pollakka tridimensjonali Nru 85811, li tippreżenta l-flixkun famuż b'werqa ħaxixa, tagħti preċiżament il-karattru magħruf għall-preżenza tal-werqa ħaxixa karatteristika fil-flixkun. Hija ssostni li dawn l-annessi "jesponu l-ġurisprudenza nazzjonali" u tibbaża ruħha f'dan ir-rigward fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali li tipprovdi li xi deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali, għalkemm mhux invokati fil-kuntest tal-proċedimenti quddiem l-UASI, ġew iddikjarati ammissibbli, b'tali mod li la l-partijiet u lanqas il-Qorti Ġenerali stess ma huma prekluži milli jiġu ispirati, fl-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, minn elementi li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali [ara s-sentenza tal-1 ta' Jannar 2012, Carrols vs UASI — Gambettola (Pollo Tropical CHICKEN ON THE GRILL), T-291/09, Ġabra, EU:T:2012:39, punti 34 u 35 u l-ġurisprudenza ċċitata].

23 L-UASI u l-intervenjenti jikkontestaw l-ammissibbiltà ta' dawn l-annessi, li jeħtieġ li jiġu miċħuda bħala preżentazzjoni ta' fatti ġodda. L-intervenjenti tikkontesta wkoll ir-rilevanza tal-allegata notorjetà ta' flixkun ta' vodka mimli b'werqa ħaxixa fil-Polonja fl-2011, sabiex tiġi stabbilita n-notorjetà tat-trade mark Franċiża preċedenti fi Franza bejn l-1999 u l-2003.

24 L-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-annessi huma prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali, mhux bħala deċiżjonijiet tal-qorti nazzjonali li jistgħu jispiraw lill-Qorti Ġenerali fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tar-Regolament Nru 207/2009, bħal fil-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 22 iktar 'il fuq, iżda bħala provi tal-allegata notorjetà ta' trade mark Pollakka tridimensjonali, bis-saħħa tal-preżenza fiha ta' werqa ħaxixa.

25 Hija ġurisprudenza stabbilita li rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali huwa intiż għall-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell tal-UASI skont l-Artikolu 65 tar-Regolament Nru 207/2009. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li fatti li ma humiex invokati mill-partijiet quddiem l-istanzi tal-UASI ma jistgħux jiġu invokati fl-istadju tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali u li l-Qorti Ġenerali ma tistax teżamina mill-ġdid iċ-ċirkustanzi ta' fatt fid-dawl tal-provi prodotti għall-ewwel darba quddiemha. Fil-fatt, il-legalità ta' deċiżjoni ta' Bord tal-Appell tal-UASI għandha tiġi evalwata fid-dawl ta' informazzjoni li huwa seta' jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu fil-mument li fih huwa ħa din id-deċiżjoni [ara s-sentenzi tat-19 ta' Lulju 2006, Rossi vs UASI, C-214/05 P, Ġabra, EU:C:2006:494, punti 50 sa 52 u l-ġurisprudenza ċċitata; tat-18 ta' Diċembru 2008, Les Éditions Albert René vs UASI, C-16/06 P, Ġabra, EU:C:2008:739, punti 136 sa 138 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-16 ta' Jannar 2014, Optilingua vs UASI — Esposito (ALPHATRAD), T-538/12, EU:T:2014:9, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata].

26 Għalhekk, l-Annessi C.2 sa C.4 tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli, mingħajr ma jkun neċessarju li tiġi eżaminata s-saħħa probatorja tagħhom.

27 Fi kwalunkwe każ, dawn il-provi għandhom ukoll jiġu miċħuda bħala ineffettivi, peress li ma jirrigwardawx l-użu matul il-perijodu rilevanti tat-trade mark Franċiża preċedenti inkwistjoni f'din il-kawża, iżda jirrigwardaw id-dikjarazzjoni iktar reċenti tan-notorjetà ta' trade mark Pollakka li hija territorjalment indipendenti minnha u, barra minn hekk, l-eżistenza tagħha ma kienet bl-ebda mod issostanzjata quddiem l-UASI qabel id-data limitu rilevanti, bħalma kkonstata l-Bord tal-Appell fil-punt 34 tad-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma kien kontradett fuq dan il-punt min-naħa tar-rikorrenti fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

Fuq il-mertu

28 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tqajjem tliet motivi, ibbażati rispettivament, l-ewwel, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' legalità u tal-*Prattika Attwali tat-Trade Marks* tal-UASI, it-tieni, fuq il-ksur tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009 u tar-Regola 22(3) tar-Regolament Nru 2868/95 kif ukoll tal-Artikolu 8(1)(a) u tal-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 u, it-tielet, fuq il-ksur tal-Artikolu 75 u tal-Artikolu 76(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009.

29 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti tikkontesta l-konstatazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet tal-UASI li jikkonċernaw ir-raġunijiet ta' oppożizzjoni kollha, jiġifieri dawk stabbiliti fl-Artikolu 8(1)(a) sal-Artikolu 8(3) u fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009. Madankollu, ir-rikorrenti tindika li hija tillimita l-argument tagħha biss għall-konklużjonijiet tal-Bord tal-Appell fuq l-evalwazzjoni tal-provi tal-użu prodotti, peress li dawn il-konklużjonijiet jikkonċernaw bl-istess mod ir-raġunijiet kollha ta' oppożizzjoni.

30 Il-Qorti Ġenerali tqis xieraq li teżamina l-ewwel nett it-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 75 u tal-Artikolu 76(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009 u li jirrigwarda l-provi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-użu ġenwin mit-trade mark Franċiża preċedenti.

31 Permezz ta' dan it-tielet motiv, ir-rikorrenti tallega li l-UASI naqas milli jeżamina ċerti fatti mingħajr ma pprovda motivazzjoni f'dan ir-rigward u għalhekk kiser l-Artikolu 75 u l-Artikolu 76(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009. B'mod partikolari, l-UASI naqas milli jeżamina rappreżentazzjonijiet ippreżentati mir-rikorrenti, li juru l-prodott inkwistjoni minn erba' angoli differenti, mhux biss mill-wiċċ, iżda wkoll minn wara u mill-ġenb, u li jipprovaw, fil-fehma tagħha, li t-trade mark tridimensjonali fil-forma ta' werqa ħaxixa ġewwa flixkun kienet tidher b'mod ċar u kienet effettivament intużat. L-UASI traskura wkoll provi oħrajn, bħal artikli tal-istampa u messaġġi pubbliċi fuq forums tal-internet, li jattestaw, f'għajnejn ir-rikorrenti, li l-werqa ħaxixa fil-flixkun kienet ipperċepita mill-konsumaturi Franċiżi bħala karatteristika oriġinali u distintiva u għalhekk hija relatata man-natura tal-użu mit-trade mark.

32 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li, peress li l-Bord tal-Appell ma għamel ebda kritika fuq l-ammissibbiltà tal-provi mehmuża man-nota tat-18 ta' Frar 2011 li tesponi r-raġunijiet tal-appell (ara l-punt 13 iktar 'il fuq) u ma semmix l-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009, huwa leġittimu li jiġi preżunt li l-Bord tal-Appell qies l-imsemmija provi bħala ammissibbli. Anki jekk jiġi preżunt li l-Bord tal-Appell kellu l-intenzjoni li jqis dawn il-provi bħala inammissibbli, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tkun, fi kwalunkwe każ, ivvizzjata, inkwantu, f'tali ipoteżi, il-Bord tal-Appell kellu jimmotiva din l-evalwazzjoni b'mod adegwat. Ir-rikorrenti tiċċita f'dan ir-rigward il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bbażata fuq l-imsemmi artikolu. Hija kkonkludiet li, sa fejn il-Bord tal-Appell la rrifjuta l-provi msemmija iktar 'il fuq u lanqas ċaħad is-saħħa probatorja tagħhom, huwa kellu l-obbligu li jeħodhom inkunsiderazzjoni u li jeżaminahom. In-nuqqas li jagħmel dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 75 u tal-Artikolu 76(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009.

33 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkritika lill-UASI li kiser l-Artikolu 75 u l-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009 billi ma mmotivax id-deċiżjoni tiegħu, b'mod partikolari rigward l-assenza ta' viżibbiltà tal-werqa ħaxixa fil-flixkun, u billi eżamina l-provi waħedhom, b'mod partikolari billi ma ħax inkunsiderazzjoni provi prodotti li fihom il-fliexken kien jidher mill-ġenb jew minn wara.

34 L-UASI jsostni li r-rikorrenti ma tibbenefikax minn dritt li jittieħdu inkunsiderazzjoni dokumenti prodotti man-nota li tesponi r-raġunijiet tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell, u għalhekk wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Anki s-setgħa diskrezzjonali rigward it-teħid inkunsiderazzjoni ta' fatti u ta' provi prodotti tard, rikonoxxuta lill-UASI mill-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, tkun suġġetta għall-assenza ta' dispożizzjoni kuntrarja. L-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009, kif implementat bir-Regola 22(2) tar-Regolament Nru 2868/95, jinkludi biss dispożizzjoni li tipprekludi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-provi tal-użu pprodotti għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell.

35 L-UASI jikkontesta wkoll l-applikazzjoni f'dan il-każ tal-eċċezzjoni ġurisprudenzjali li tippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni ta' provi supplimentari jew ta' fatti ġodda. Id-dokumenti l-ġodda ma jistgħux jitqiesu supplimentari għal dawk ippreżentati fit-termini, peress li huma jirrappreżentaw flixkun ieħor li huwa differenti minn dak li jidher fuq id-dokumenti preċedenti, kif ukoll oġġett tawwali — li jista' jkun werqa ħaxixa — li jidher kostantement fil-flixkun, b'mod li tikkostitwixxi l-ewwel u l-unika prova tal-użu tal-imsemmi oġġett fil-flixkun. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma spjegatx b'liema mod dawn il-provi kienu supplimentari għal dawk diġà prodotti, u lanqas ir-raġuni għaliex hija ma pproduċiethomx fit-terminu stabbilit.

36 L-UASI jsostni wkoll li ma jistax jiġi dedott li l-Bord tal-Appell aċċetta d-dokumenti ppreżentati tardivament mill-fatt li hija ma ċaħdithomx bħala inammissibbli. Minħabba l-fatt li l-Bord tal-Appell ma inkludiex dawn id-dokumenti fost dawk li huwa ħa inkunsiderazzjoni sabiex jevalwa n-natura tal-użu, għandu pjuttost jinftiehem li huwa ddeċieda li ma jeħodhomx inkunsiderazzjoni.

37 L-UASI qies fl-aħħar nett li nuqqas ta' motivazzjoni, anki li kieku kellu jitqies li dan kien il-każ, ma għandux, bħala tali, iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata peress li huwa irrilevanti fuq il-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata.

38 Barra minn hekk, l-UASI qies li l-konstatazzjoni tal-assenza ta' viżibbiltà tal-werqa ħaxixa hija ssostanzjata permezz tar-rappreżentazzjonijiet tal-flixkun (ara l-punt 15 iktar 'il fuq) u hija mmotivata permezz tal-preżenza tat-tikketta, li tkopri parti sinjifikattiva tal-flixkun u taħbi dak li jinsab warajha fil-flixkun (ara l-punt 16 iktar 'il fuq). Huwa jqis li l-provi tal-użu prodotti ttieħdu inkunsiderazzjoni fit-totalità tagħhom u li r-rikorrenti tikkontesta fir-realtà r-riżultat tal-evalwazzjoni tal-imsemmija elementi.

39 L-intervenjenti tallega li n-naħat laterali tal-flixkun huma manifestament tardivi. Qabel kollox, huma ma ġewx ippreżentati fit-terminu stabbilit mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni (jiġifieri sal-1 ta' Awwissu 2007), iżda tliet snin u nofs iktar tard (jiġifieri fit-18 ta' Frar 2011) għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell. Sussegwentement, huma ma għandhom ebda relazzjoni materjali mal-provi tal-użu diġà prodotti, billi juru flixkun b'għonq minfuħ pjuttost li rettilineari. Barra minn hekk, ir-rikorrent ma stabbilixxietx tali relazzjoni, u b'mod partikolari, ma sostnietx la li din kienet prova tal-użu u lanqas li din kienet supplimentari għall-provi diġà prodotti. Ir-rikorrenti lanqas ippreżentat argumenti fuq il-bażi ta' dawn in-naħat laterali matul il-proċedimenti ta' oppożizzjoni. Fl-aħħar nett, ir-riproduzzjoni tar-rappreżentazzjonijiet tal-flixkun fil-punti 13 sa 16 tad-deċiżjoni kkontestata indikat b'mod ċar dawk li l-Bord tal-Appell kien ħa inkunsiderazzjoni fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, in-naħat kollha ta' quddiem, u dawk li huwa kien eskluda bħala prodotti tardivament. F'dan ir-rigward, il-motivazzjoni tal-Bord tal-Appell tista' tkun impliċita, kif tiddikjara l-ġurisprudenza.

40 Barra minn hekk, l-intervenjenti tqis li l-UASI mmotiva b'mod suffiċjenti d-deċiżjoni tiegħu fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati u ma setax jibbaża l-evalwazzjoni tiegħu fuq probabbiltajiet jew preżunzjonijiet, billi jispekula jew billi jassumi li l-werqa ħaxixa kienet, minkejja l-preżenza ta' tikketta, viżibbli mill-ġenb mill-konsumatur fil-mument tax-xiri.

41 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, permezz tat-tielet motiv tagħha bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 75 u tal-Artikolu 76(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/009, ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li l-Bord tal-Appell wettaq żball billi naqas milli jeżamina provi prodotti għall-ewwel darba quddiemu, b'mod partikolari rappreżentazzjonijiet li juru l-flixkun tal-vodka bit-tikketta "Żubrówka" minn erba' angoli differenti, mhux biss minn quddiem, iżda wkoll minn wara u mill-ġenb, kif ukoll ma pprovda ebda motivazzjoni f'dan ir-rigward.

42 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, id-deċiżjoni tal-UASI għandhom jiġu mmotivati. Barra minn hekk, ir-Regola 50(2)(h) tar-Regolament Nru 2868/95, tipprovdi li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell għandha tinkludi r-raġunijiet tad-deċiżjoni. Dan l-obbligu għandu l-istess portata bħal dak stabbilit mill-Artikolu 296 KE. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 KE għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-awtur tal-att. Dan l-obbligu għandu l-għan doppju li jippermetti, minn naħa, lill-persuni kkonċernati jsiru jafu bil-ġustifikazzjoni tal-miżura li ttieħdet sabiex jiddefendu d-drittijiet tagħhom, u min-naħa l-oħra, lill-qorti Komunitarja teżerċita l-istħarriġ tagħha fuq il-legalità tad-deċiżjoni. Il-kwistjoni jekk il-motivazzjoni ta' deċiżjoni tissodisfax dawn ir-rekwiżiti għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-formulazzjoni ta' din tal-aħħar, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tagħha, kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza tat-8 ta' Marzu 2013, Mayer Naman vs UASI — Daniel e Mayer (David Mayer), T-498/10, EU:T:2013:117, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009, intitolat "L-eżaminazzjoni tal-fatti mill-Uffiċċju fuq inizzjattiva tiegħu stess", jaqra kif ġej:

"1. Fi proċedimenti quddiemu l-[UASI] għandu jeżamina l-fatti fuq l-inizzjattiva tiegħu stess; madanakollu, fi proċedimenti li jirrigwardaw raġunijiet relattivi għal ċaħda ta' reġistrazzjoni, l-Uffiċċju għandu jkun ristrett għal eżaminazzjoni ta' fatti, ta' provi u ta' argumenti ppreżentati mill-partijiet u tar-rimedji mitluba.

2. L-[UASI] jista' ma jikkunsidrax fatti jew provi li ma jiġux preżentati fil-ħin preskritt mill-partijiet konċernati."

44 Skont ġurisprudenza stabbilita, mill-kliem tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jirriżulta li, bħala regola ġenerali u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni kuntrarja, il-produzzjoni ta' fatti u ta' provi mill-partijiet tibqa' possibbli wara l-iskadenza tat-terminu li għalih hija suġġetta tali produzzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009, u l-UASI bl-ebda mod ma huwa pprojbit milli jqis fatti u provi invokati jew prodotti tardivament (sentenzi tat-13 ta' Marzu 2007, UASI vs Kaul, C-29/05 P, Ġabra, EU:C:2007:162, punt 42; tat-18 ta' Lulju 2013, New Yorker SHK Jeans vs UASI, C-621/11 P, Ġabra, EU:C:2013:484, punt 22, u tas-26 ta' Settembru 2013, Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, C-610/11 P, Ġabra, EU:C:2013:593, punt 77), jiġifieri barra t-terminu stabbiliti mid-Diviżjoni ta' Oppożizzjoni u, skont il-każ, għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell.

45 Billi jippreċiża li l-UASI "jista'" jiddeċiedi li ma jiħux inkunsiderazzjoni fatti u provi invokati jew prodotti tardivament, l-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jagħti lill-UASI setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex jiddeċiedi, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu fuq dan il-punt, jekk hemmx lok li jqishom jew le (sentenzi UASI vs Kaul, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2007:162, punti 43 u 68, New Yorker SHK Jeans vs UASI, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:484, punt 23, u Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 78).

46 Raġunijiet ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba jimmilitaw favur is-setgħa diskrezzjonali tal-UASI għall-finijiet li jittieħdu inkunsiderazzjoni fatti u provi prodotti tardivament mill-partijiet. Fil-fatt, setgħa bħal din hija, tal-inqas għal dak li jirrigwarda proċedimenti ta' oppożizzjoni, ta' natura li tikkontribwixxi sabiex jiġi evitat li t-trade marks li l-użu tagħhom jista' sussegwentement jiġi kkontestat b'suċċess permezz ta' proċedura għal annullament jew f'każ ta' proċedura ta' ksur li jiġu rreġistrati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza UASI vs Kaul, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2007:162, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 F'dan il-każ, għandu jiġi ddeterminat jekk il-Bord tal-Appell eżerċitax jew le s-setgħa diskrezzjonali tiegħu fir-rigward ta' provi prodotti għall-ewwel darba quddiemu mir-rikorrenti.

48 Huwa paċifiku li l-provi tal-użu riprodotti fil-punti 13 sa 16 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 15 iktar 'il fuq) ġew prodotti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell fit-terminu stabbilit minnha.

49 Mill-fajl jirriżulta wkoll li, kuntrarjament għal dak li tallega l-intervenjenti, ir-rikorrenti ppreżentat, fil-paġni 7 sa 23 tan-nota tagħha li tesponi r-raġunijiet tal-appell u ppreżentat quddiem il-Bord tal-Appell fit-18 ta' Frar 2011, ħames dokumenti annessi magħha. Huwa paċifiku li dawn l-annessi ma ġewx ippreżentati fit-terminu stabbilit mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

50 Il-ħames annessi ppreżentati għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell kienu s-segwenti:

— artikli tal-istampa Franċiża u estratti minn forums ta' siti internet Franċiżi, datata mill-perijodu mill-1998 sa l-2003 u li jinkludu rappreżentazzjonijiet tal-flixkun tal-vodka bit-tikketta "Żubrówka" kif ukoll dikjarazzjonijiet li jipprovdu li, essenzjalment, il-vodka bil-"famuża ħaxixa ta' bison" "tiġi rrikonoxxuta faċilment bis-saħħa tal-werqa ħaxixa aromatika li tinsab fil-flixkun";

— estratt mill-*Wallpaper City Guide* tal-belt ta' Varsavja (il-Polonja);

— dikjarazzjoni tas-16 ta' Frar 2011, redatta bil-Pollakk u tradotta bl-Ingliż, magħmula minn K., speċjalista teknoloġiku responsabbli mill-ittikkettjar f'isem ir-rikorrenti mill-1992 (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjonit ta' K.");

— poster intitolat "Żubrówka ħaxixa ta' bison vodka";

— estratt mis-sit internet "Wikipedia".

51 B'mod partikolari, id-dikjarazzjoni ta' K. kienet tinkludi l-informazzjoni segwenti. L-ewwel nett, K. stipula li, mis-snin 1970 u sal-2011, ir-rikorrenti, li qabel kienet Przedsiębiorstwo POLMOS Białystok SA, kienet ipproduċiet il-vodka Żubrówka kemm għas-suq Pollakk kif ukoll għall-esportazzjoni. Skont K., filwaqt li din il-vodka kellha diversi tikketti sabiex timxi maż-żminijiet, hija kienet dejjem u għadha dejjem indikata permezz ta' werqa ħaxixa mqiegħda fil-fliexken, protetta fil-Polonja u f'diversi pajjiżi oħrajn minn trade mark li tikkonsisti fi "flixkun b'werqa ta' ħaxixa". It-tieni nett, K. żied li l-vodka Żubrówka b'tikketta ħadra prodotta mir-rikorrenti fi fliexken ta' 0.5, 0.7 u 1 litru ġiet, matul il-perijodu tal-1998 sal-2003, esportata lejn Franza permezz tal-Aġenzija PHZ AGROS u, sussegwentement, direttament mir-rikorrenti. Huwa speċifika li, qabel is-sena 2000, il-vodka Żubrówka kellha tikketta ħadra intiża għall-esportazzjoni lejn Franza kienet prodotta minn POLMOS Poznań, iżda li l-apparenza tal-fliexken, tat-tikketti u tal-werqa ħaxixa mqiegħda fil-fliexken kienet għalhekk eżattament l-istess bħal dik adottata mir-rikorrenti mis-sena 2000. It-tielet nett, K. ehmeż mal-anness tad-dikjarazzjoni tiegħu kopji ta' ritratti sabiex juri l-mod kif jiġu ttikkettjati l-fliexken tal-vodka Żubrówka b'tikketta ħadra kif ukoll il-motiv ta' ħaxixa mqiegħda regolarment f'dawn il-fliexken, inklużi dawk intiżi għas-suq Franċiż għall-perijodu mill-1998 sal-2003. F'għajnejn K., dawn ir-ritratti kienu juru b'mod espliċitu li werqa ħaxixa kienet viżibbli b'mod ċar għal kull konsumatur, li dan tal-aħħar jara l-flixkun minn quddiem u minn wara.

52 Mad-dikjarazzjoni ta' K. kienu mehmuża għalhekk erba' ritratti ta' fliexken tal-vodka Żubrówka ta' 700 ml, esportati lejn Franza fil-fehma tiegħu, u li juru l-erba' rappreżentazzjonijiet li ġejjin, fejn il-flixkun kien jidher minn quddiem, minn żewġ naħat opposti u minn wara, rispettivament:



53 Madankollu, fil-punti 13 sa 15 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 15 iktar 'il fuq), il-Bord tal-Appell irrileva li l-provi tal-użu prodotti mir-rikorrenti kienu jinkludu, "b'mod partikolari", żewġ dikjarazzjonijiet taħt ġurament, waħda tad-Direttur Finanzjarju u President ta' din il-kumpannija u l-oħra tal-President Direttur Ġenerali ta' Pernod S.A., distributur esklużiv tal-vodka Żubrówka għat-territorju Franċiż, li magħhom kienu mehmuża rappreżentazzjoni tal-imsemmija vodka, prospetti intiżi għad-distributuri Franċiżi għas-snin 1999 sa 2002, li juru erba' rappreżentazzjonijiet, u prospetti ddistribwiti mis-supermarkits Franċiżi matul is-snin 2003 sa 2006, li juru tmien rappreżentazzjonijiet.

54 Minn dan isegwi li d-dikjarazzjoni tal-Bord tal-Appell, fil-punt 16 tad-deċiżjoni kkontestata, li tipprovdi li "ebda preżentazzjoni oħra ħlief dawk irrappreżentati fit-tliet paragrafi preċedenti ma kienet prodotta" għandha tinftiehem bħala li tirreferi għall-provi tal-użu prodotti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni fit-terminu stabbilit minnha, iżda mhux dawk prodotti tardivament quddiem il-Bord tal-Appell.

55 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-Bord tal-Appell ħa inkunsiderazzjoni biss l-elementi prodotti mir-rikorrenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u ma eżerċitax is-setgħa diskrezzjonali tiegħu fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' provi tal-użu prodotti għall-ewwel darba quddiemu, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni ta' K. u r-ritratti li kienu meħmuża magħha, kif ukoll l-artikli tal-istampa Franċiża u l-estratti minn forums ta' siti internet Franċiżi.

56 Għalhekk ir-rikorrent żbaljat meta sostniet li, minħabba l-fatt li l-Bord tal-Appell ma għamel ebda kritika fuq l-ammissibbiltà tal-provi meħmuża man-nota tat-18 ta' Frar 2011 li tesponi r-raġunijiet tal-appell u ma semmiex l-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 07/2009, huwa leġittimu li jiġi preżunt li huwa qies dawn il-provi tal-użu prodotti bħala ammissibbli. Fil-fatt, peress li l-Bord tal-Appell ma kienx eżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu, huwa ma setax, impliċitament, jiddikjara ammissibbli l-imsemmija elementi.

57 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, mill-kliem tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jirriżulta li invokazzjoni jew produzzjoni tardiva ta' fatti u ta' provi ma tikkonferixxix, lill-parti li tinvoka jew tippreżenta fatti jew provi tardivament, dritt inkundizzjonat li fatti jew provi bħal dawn jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-UASI (sentenza UASI vs Kaul, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2007:162, punti 43 u 63). F'dan il-każ, hija speċifikament it-tardività tal-produzzjoni tal-provi li tiddistingwi l-kuntest fattwali ta' din il-kawża minn dak tal-ġurisprudenza invokata mir-rikorrenti [sentenza tal-10 ta' Ottubru 2012, Bimbo vs UASI — Panrico (BIMBO DOUGHNUTS), T-569/10, EU:T:2012:535, punt 35], jew l-argumenti u provi meqjusa impliċitament ammissibbli kienu ġew prodotti fi żmien xieraq.

58 Bl-istess mod, l-UASI żbalja meta sostna li, minħabba l-fatt li l-Bord tal-Appell ma inkludiex dawn id-dokumenti ġodda fost dawk li huwa ħa inkunsiderazzjoni sabiex jevalwa n-natura tal-użu, jeħtieġ pjuttost jinftiehem li huwa ddeċieda li ma jeħodhomx inkunsiderazzjoni. Fil-fatt, peress li l-Bord tal-Appell ma eżerċitax is-setgħa diskrezzjonali tiegħu, huwa ma setax, impliċitament, jiddikjara inammissibbli l-imsemmija elementi.

59 Anki jekk jitqies li l-UASI eżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu, f'sens wieħed jew ieħor, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, meta l-UASI jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu sabiex jiddeċiedi, jekk hemmx lok li jittieħidx jew le inkunsiderazzjoni dokument prodott tardivament, huwa għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu fuq dan il-punt (sentenzi UASI vs Kaul, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2007:162, punt 43; New Yorker SHK Jeans vs UASI, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:484, punt 23; u Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 78).

60 Kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, l-eventwali teħid inkunsiderazzjoni min-naħa tal-UASI tal-imsemmija provi addizzjonali ma jikkostitwixxi bl-ebda mod "favur" magħmul lil parti jew lil oħra, iżda għandu jkun ir-riżultat ta' eżerċizzju oġġettiv u motivat tas-setgħa diskrezzjonali li l-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jagħti lil dan il-korp. Għalhekk il-motivazzjoni meħtieġa tirriżulta iktar neċessarja meta l-UASI jiddeċiedi li jiġu esklużi provi prodotti għaldaqstant tardivament (sentenza Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punti 111 u 112).

61 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-Bord tal-Appell ma eżerċitax is-setgħa diskrezzjonali tiegħu li hija kienet inkarigata biha fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' provi tal-użu prodotti għall-ewwel darba quddiemu u ma pprovda ebda motivazzjoni f'dan ir-rigward. Din il-konstatazzjoni ma tistax

titqiegħed inkwistjoni mill-użu mit-terminu "b'mod partikolari" fil-punt 13 tad-deċiżjoni kkontestata, li ma jistax jieħu post l-eżerċizzju oġġettiv u motivat tal-imsemmija setgħa ta' diskrezzjoni sabiex jiġu eskludi tali elementi.

62 Minbarra dan l-obbligu ta' motivazzjoni, il-ġurisprudenza stabbilixxiet kriterji għall-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-UASI għall-finijiet tal-eventwali teħid inkunsiderazzjoni ta' provi prodotti tardivament. Għalhekk, tali teħid inkunsiderazzjoni mill-UASI jista', b'mod partikolari, ikun iġġustifikat meta dan jikkunsidra, min-naħa, li l-elementi prodotti tardivament jistgħu, mal-ewwel daqqa t'għajn, ikollhom rilevanza vera għal dak li jirrigwarda r-riżultat tal-oppożizzjoni magħmula quddiemu u, min-naħa l-oħra, li l-istadju tal-proċedura li fih isseħħ din il-produzzjoni tard u ċ-ċirkustanzi relatati magħha ma jipprekludux dan it-teħid inkunsiderazzjoni (sentenzi UASI vs Kaul, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2007:162, punt 44; New Yorker SHK Jeans vs UASI, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:484, punt 33; u Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, EU:C:2013:593, punt 44 iktar 'il fuq, punt 113).

63 F'dan il-każ, għandu jitqies li, fost l-elementi prodotti tardivament, tal-inqas id-dikjarazzjoni ta' K. u r-rappreżentazzjonijiet tal-flixkun, li jidher minn quddiem, miż-żewġ naħat opposti u minn wara, li kienu mehmuża magħha (ara l-punti 50 u 51 iktar 'il fuq), kif ukoll l-artikli tal-istampa Franċiża u l-estratti minn forums ta' siti internet Franċiżi jissodisfaw dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li jistgħu jiġġustifikaw it-teħid inkunsiderazzjoni tagħhom mill-UASI.

64 Fil-fatt, minn naħa, id-dikjarazzjoni ta' K. u r-rappreżentazzjonijiet tal-flixkun, li jidher minn quddiem, miż-żewġ naħat opposti u minn wara, li kienu mehmuża magħha, setgħu, mal-ewwel daqqa t'għajn, ikunu ta' rilevanza vera għal dak li jirrigwarda r-riżultat tal-oppożizzjoni magħmula quddiem l-UASI, sa fejn l-eventwali teħid inkunsiderazzjoni tagħhom kien ta' natura li jqiegħed inkwistjoni l-evalwazzjonijiet tal-Bord tal-Appell, stabbiliti fil-punti 17 u 18 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punti 16 u 17 iktar 'il fuq), li jipprovdu, l-ewwel nett, li "l-linja djagonali ma [kinitx] imwaħħla fuq is-superfiċje esterna u ma kinitx tidher fuq it-tikketta nnifisha", it-tieni nett, "minħabba l-preżenza tat-tikketta, ma [kienx] possibbli li wieħed jara dak li [kien] hemm warajha jew fil-fliexken" u, it-tielet nett, "[f']dawn iċ-ċirkustanzi, [kien] hemm li jiġi konkluż li [ir-rikorrenti] ma [pprovatx] in-natura tal-użu" tat-trade mark tagħha Franċiża tridimensjonali preċedenti.

65 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-karattru tridimensjonali ta' trade mark bħal dik inkwistjoni jipprekludi viżjoni statika, f'żewġ dimensjonijiet, u jitlob perċezzjoni dinamika, fi tliet dimensjonijiet. Għalhekk, trade mark tridimensjonali tista', fil-prinċipju, tiġi pperċepita minn diversi naħat mill-konsumatur rilevanti. Rigward il-provi tal-użu ta' tali trade mark, għandhom għaldaqstant jittieħdu inkunsiderazzjoni, mhux bħala riproduzzjonijiet tal-viżibbiltà tagħha f'żewġ dimensjonijiet, iżda bħala riproduzzjoni tal-perċezzjoni tagħha fi tliet dimensjonijiet mill-konsumatur rilevanti. Minn dan isegwi li rappreżentazzjonijiet mill-ġenb u minn wara ta' trade mark tridimensjonali jistgħu, fil-prinċipju, ikollhom rilevanza vera sabiex jiġi evalwat l-użu ġenwin tal-imsemmija trade mark u ma jistgħux jiġu eskludi minħabba sempliċi raġuni li huma ma jikkostitwixxux riproduzzjonijiet minn quddiem.

66 Bl-istess mod, l-artikli tal-istampa Franċiża u l-estratti minn forums ta' siti internet Franċiżi jiddikjaraw li, essenzjalment, il-vodka Żubrówka bil-"famuża ħaxixa ta' bison" "tiġi rrikonoxxuta faċilment bis-saħħa tal-werqa ħaxixa aromatika li tinsab fil-flixkun" (ara l-punt 50 iktar 'il fuq), kienu, mal-ewwel daqqa t'għajn, ikollhom rilevanza vera għal dak li jirrigwarda r-riżultat tal-oppożizzjoni magħmula quddiemu l-UASI, sa fejn l-eventwali teħid inkunsiderazzjoni tagħha kien ta' natura li jiffaċilita l-prova tal-użu ġenwin tat-trade mark Franċiża preċedenti fit-territorju Franċiż matul il-perijodu rilevanti.

67 Min-naħa l-oħra, l-istadju tal-proċedimenti li fih isseħħ din il-produzzjoni tardiva u ċ-ċirkustanzi relatati magħha ma jipprekludux it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-provi mill-UASI, sa fejn ir-rikorrenti pproduċiet dawn il-provi fil-mument tal-preżentazzjoni tan-nota tagħha li tesponi

r-raġunijiet tal-appell tagħha quddiem il-Bord tal-Appell, li jippermettu lil dan tal-aħħar li jeżerċita, b'mod oġġettiv u motivat, is-setgħa diskrezzjonali tiegħu rigward it-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmija elementi.

68 Minn dan isegwi li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 62 iktar 'il fuq, il-Bord tal-Appell kien meħtieġ li jeżerċita, b'mod oġġettiv u motivat, is-setgħa diskrezzjonali tiegħu rigward it-teħid inkunsiderazzjoni ta' provi prodotti tardivament li jissodisfaw iż-żewġ kriterji stabbiliti minn din il-ġurisprudenza, jiġifieri, tal-inqas, id-dikjarazzjoni ta' K. u r-rappreżentazzjonijiet tal-flixkun, li jidher minn quddiem, miż-żewġ naħat opposti u minn wara, li kienu mehmuża magħha, kif ukoll l-artikli tal-istampa Franċiża u l-estratti minn forums ta' siti internet Franċiżi.

69 Għaldaqstant, għandu jiġu konkluż, billi jastjeni milli jeżerċita, b'mod oġġettiv u motivat, is-setgħa diskrezzjonali tiegħu rigward it-teħid inkunsiderazzjoni tal-provi tal-użu ġenwin tat-trade Franċiża tridimensjonali preċedenti prodotti għall-ewwel darba quddiemu, il-Bord tal-Appell kiser l-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 kif ukoll, fid-dawl tan-nuqqas ta' motivazzjoni kif ikkonstatat, l-Artikolu 75 tal-istess regolament.

70 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi invalidata permezz tal-allegazzjonijiet tal-UASI u tal-intervenjenti.

71 Preliminarjament, sa fejn, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-UASI jallega li jibbaża d-deċiżjoni kkontestata permezz ta' elementi li ma ttieħdux inkunsiderazzjoni fiha, għandu jiġi kkonstatat li tali motivazzjoni supplimentari ma tistax tiġi invokata effettivament quddiem il-Qorti Ġenerali għall-motivazzjoni perfetta, eventwalment mhux suffiċjenti, li tinsab fid-deċiżjoni kkontestati (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Sina Bank vs Il-Kunsill, Ġabra, EU:T:2012:661, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-motivazzjoni tal-att għandha tiġi pprovduta lill-persuna kkonċernata permezz ta' dan l-att qabel hija tippreżenta rikors kontra l-imsemmi att u n-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' motivazzjoni jista' jiġi rregolarizzat bil-fatt li l-persuna kkonċernata ssir taf bir-raġunijiet għall-att matul il-proċedura quddiem il-qorti tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza Sina Bank vs Il-Kunsill, punt 71 iktar 'il fuq, EU:T:2012:661, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-possibbiltà għal istituzzjoni jew korp tal-Unjoni li jeċċepixxi tali raġunijiet addizzjonali, sabiex jikkompleta dawk stabbiliti fid-deċiżjoni kkontestata, tikkawża ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-persuna kkonċernata u tad-dritt tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza tal-partijiet quddiem il-qorti tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Bateni vs Il-Kunsill, T-42/12 u T-181/12, EU:T:2013:409, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 Mingħajr ħsara għal din il-konstatazzjoni, il-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq li teżamina u li tirribatti l-imsemmija allegazzjonijiet.

74 Fl-ewwel lok, l-allegazzjoni tal-UASI li tipprovdi li l-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009, kif implementat bir-Regola 22(2) tar-Regolament Nru 2868/95, jinkludi "dispożizzjoni kuntrarja", fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 44 iktar 'il fuq, għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-provi tal-użu prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell, għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin.

75 Taħt it-titolu "Eżaminazzjoni tal-oppożizzjoni", l-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru /207 jipprovdi, essenzjalment, li fuq talba tal-applikant, il-proprjetarju ta' trade mark Komunitarja li jkun għamel oppożizzjoni għandu jipproduċi l-prova li, waqt il-perijodu ta' ħames snin qabel il-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja, ikun sar użu ġenwin mit-trade mark Komunitarja jew nazzjonali preċedenti fl-Unjoni għal prodotti jew servizzi li għalihom hija tkun ġiet irreġistrata u li huwa qiegħed isemmi bħala ġustifikazzjoni għall-oppożizzjoni tiegħu, jew li hemm raġunijiet validi għalfejn ma għandhiex tintuża. Fin-nuqqas ta' tali prova, l-oppożizzjoni għandha tiġi miċħuda.

76 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009, bħala dispożizzjoni ta' mertu, ma jinkludi ebda rekwiżit rigward it-terminu stabbilit għall-parti li tkun qiegħda topponi sabiex tipproduċi l-prova tal-użu mit-trade mark preċedenti (sentenza New Yorker SHK Jeans vs UASI, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:484, punt 24; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 79). Għalhekk, iċ-ċaħda tal-oppożizzjoni, "[fin-nuqqas ta' tali prova]", tirriżulta minn evalwazzjoni tal-mertu li tirrigwarda l-prova prodotta, u mhux min-nuqqas ta' osservanza ta' terminu ta' proċedura.

77 Għaldaqstant, l-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009, ma jistax jaffettwa s-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-UASI mill-Artikolu 76(2) tal-istess regolament sabiex jiddeċiedi jekk għandhomx jittieħdu jew le inkunsiderazzjoni provi prodotti tardivament quddiemu.

78 Min-naħa tagħha, ir-Regola 22(2) tar-Regolament Nru 2868/95 tipprovdi li, jekk il-parti li tkun qiegħda topponi għandha tipproduċi l-prova ta' użu mit-trade mark jew turi li hemm raġunijiet xierqa għan-nuqqas ta' użu tagħha, l-UASI għandu jistedinha sabiex tagħmel dan f'terminu li huwa jistabbilixxi. Jekk il-parti li tkun qiegħda topponi ma tipprovdix din il-prova fit-terminu stabbilit, l-UASI għandu jiċħad l-oppożizzjoni.

79 Bl-istess mod, ir-Regola 40(5) tar-Regolament Nru 2868/95 tistabbilixxi li, fil-każ ta' applikazzjoni għal revoka bbażata fuq l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, l-UASI jitlob lill-proprjetarju tat-trade mark Komunitarja l-prova tal-użu mit-trade mark matul perijodu li huwa jispeċifika. Jekk il-prova ma tiġix prodotta fit-terminu stabbilit, it-trade mark Komunitarja tiġi rrevokata. Ir-Regola 22(2) sa (4) għandha tapplika *mutatis mutandis*.

80 Għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Regola 40(5) tar-Regolament Nru 2868/95 ma kinitx tali li tostakola l-eżerċizzju, mill-Bord tal-Appell, tas-setgħa diskrezzjonali li fil-prinċipju jtih l-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009, għall-finijiet tat-teħid inkunsiderazzjoni eventwali tal-provi addizzjonali li kienu ġew prodotti quddiemu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 90).

81 Dan japplika wkoll, għall-istess raġunijiet, għar-Regola 22(2) tar-Regolament Nru 2868/95, peress li għall-proċedimenti ta' oppożizzjoni din hija l-ekwivalenti għar-Regola 40 tal-istess regolament li tirregola l-proċedura ta' revoka.

82 F'dan ir-rigward, għalkemm huwa minnu li mill-kliem tar-Regola 22(2) tar-Regolament Nru 2865/95 jirriżulta li, meta ebda prova tal-użu mit-trade mark ikkonċernata ma tiġi prodotta fit-terminu stabbilit mill-UASI, l-assenza ta' użu ġenwin mit-trade mark preċedenti għandha, fil-prinċipju, tiġi kkonstatata *ex officio* minn dan tal-aħħar, tali konklużjoni ma tapplikax, min-naħa l-oħra, meta provi ta' dan l-użu jkunu ġew effettivament prodotti fl-imsemmi terminu (sentenza New Yorker SHK Jeans vs UASI, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:484, punt 28; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 86).

83 Fil-fatt, f'tali każ u sakemm ma jidhirx li l-imsemmija elementi huma irrilevanti sabiex jiġi stabbilit l-użu ġenwin mit-trade mark, il-proċedimenti għandhom jitkomplew. Għaldaqstant, bħalma jipprovdi l-Artikolu 42(1) tar-Regolament Nru 207/2009, l-UASI għandu b'mod partikolari jistieden, ta' spiss kemm ikun meħtieġ, lill-partijiet jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq in-notifiki indirizzati lilhom jew fuq il-komunikazzjonijiet tal-partijiet l-oħra (sentenza New Yorker SHK Jeans vs UASI, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:484, punt 29; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 87).

84 F'tali kuntest, jekk l-assenza tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti tiġi kkonstatata ulterjorment, din tal-aħħar ma ssirx abbażi tar-Regola 22(2) tar-Regolament Nru 2868/95, li hija dispożizzjoni ta' natura essenzjalment proċedurali, iżda esklużivament abbażi ta' dispożizzjoni sostantiva li tinsab

fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009 (sentenza New Yorker SHK Jeans vs UASI, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:484, punt 29; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 87).

85 B'mod partikolari minn dak li ntqal preċedentement, jirriżulta li l-produzzjoni ta' provi tal-użu mit-trade mark li jiżdiedu mal-provi stess prodotti fit-terminu stabbiliti mill-UASI, skont ir-Regola 22(2) tar-Regolament Nru 2868/95, tibqa' possibbli wara l-iskadenza tal-imsemmi terminu u bl-ebda mod ma huwa pprojbit għall-UASI li jieħu inkunsiderazzjoni provi prodotti tardivament billi juża s-setgħa diskrezzjonali tiegħu mogħtija lilu mill-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 (sentenza New Yorker SHK Jeans vs UASI, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:484, punt 30; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 88).

86 Għalhekk, għandu jiġi konkluż li r-Regola 22(2) tar-Regolament Nru 2868/95 ma hijiex tali li tostakola l-eżerċizzju, mill-Bord tal-Appell, tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilu permezz tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009, għall-finijiet tat-teħid inkunsiderazzjoni eventwali tal-provi addizzjonali li kienu ġew prodotti quddiemu.

87 F'dan il-każ, kif tfakkar fil-punt 48 iktar 'il fuq, huwa paċifiku li r-rikorrenti kienet ipproduċiet diversi provi intiżi li jistabbilixxu l-użu mit-trade mark Franċiża preċedenti fit-terminu stabbilit mill-UASI. Għandu jiġi kkonstatat ukoll li għaldaqstant l-elementi prodotti inizjalment ma kinux irrilevanti għal dan il-għan, speċjalment peress li l-Bord tal-Appell, fil-punti 13 sa 18 tad-deċiżjoni kkontestata, ħadhom inkunsiderazzjoni, filwaqt li qieshom kollha insuffiċjenti. Minn dan isegwi li l-produzzjoni ta' provi addizzjonali, li jiżdiedu mal-provi rilevanti prodotti fit-terminu stabbilit mill-UASI skont ir-Regola 22(2) tar-Regolament Nru 2868/95, tibqa' possibbli wara l-iskadenza tal-imsemmi terminu u bl-ebda mod ma huwa pprojbit għall-UASI li jeħodhom inkunsiderazzjoni billi juża s-setgħa diskrezzjonali tiegħu mogħtija lilu mill-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

88 Fit-tieni lok, lanqas tista' tintlaqa' l-allegazzjoni tal-UASI u tal-intervenjenti, allegatament ibbażata fuq il-ġurisprudenza, li tipprovdi li d-dokumenti l-ġodda ma jistgħux jitqiesu supplimentari għal dawk ippreżentati fit-termini, jew ukoll li ma għandhom ebda relazzjoni materjali magħhom, peress li huma jirrappreżentaw flixkun ieħor, b'għonq minfuħ pjuttost li rettilineari, kif ukoll oġġett tawwali — li jista' jkun werqa ħaxixa — li jidher kostantement fil-flixkun, b'mod li tikkostitwixxi l-ewwel u l-unika prova tal-użu tal-imsemmi oġġett fil-flixkun f'pożizzjoni ġewwa flixkun.

89 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li l-ġurisprudenza ma teħtieġx relazzjoni materjali bejn l-element addizzjonali u l-element preċedenti. Hija teżiġi biss li l-provi prodotti wara t-terminu stabbilit mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ma jkunux l-ewwel u l-uniċi provi tal-użu, iżda jirrigwardaw provi msemmija "supplimentari" jew "addizzjonali", li jiżdiedu mal-provi rilevanti, prodotti fit-terminu stabbilit [sentenzi New Yorker SHK Jeans vs UASI, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:484, punt 30, u tad-29 ta' Settembru 2011, New Yorker SHK Jeans vs UASI — Vallis K.-Vallis A. (FISHBONE), T-415/09, EU:T:2011:550, punt 33].

90 Sussegwentement, għandu jitfakkar li l-kriterji adottati mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 62 iktar 'il fuq lanqas jeħtieġu relazzjoni materjali tal-elementi supplimentari mal-elementi preċedentement prodotti, iżda r-rilevanza intrinsika tagħhom għat-tip tal-proċedimenti quddiem l-UASI.

91 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li din l-allegazzjoni tal-UASI u tal-intervenjent ma għandha ebda bażi fattwali, peress li tiżnatura l-provi prodotti fit-terminu stabbilit mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Għandu effettivament jiġi kkonstatat li, fuq ir-ritratti riprodotti fil-punti 14 u 15 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 15 iktar 'il fuq), hija werqa ħaxixa — u mhux oġġett tawwali — li tinsab ġewwa flixkun li hija viżibbli għall-osservatur. Ir-ritratti riprodotti fil-punt 52 iktar 'il fuq ma jistgħux għalhekk jikkostitwixxu l-ewwel u l-unika prova tal-użu mill-werqa ħaxixa mqiegħda ġewwa flixkun.

92 Fit-tielet lok, l-allegazzjoni tal-UASI u tal-intervenjenti li tipprovdi li r-rikorrenti ma spjegatx b'liema mod dawn il-provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell kienu supplimentari għal dawk diġà prodotti, u lanqas ir-raġuni għaliex hija ma pproduċiethomx fit-terminu stabbilit, ma tistax tintlaqa'.

93 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li tali spjegazzjoni ma hijiex meħtieġa mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 62 iktar 'il fuq.

94 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti, fin-nota tagħha li tesponi r-raġunijiet tal-appell tagħha quddiem il-Bord tal-Appell, effettivament tirreferi kemm għad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tqis il-provi tal-użu prodotti quddiemha insuffiċjenti kif ukoll għall-provi addizzjonali. Kuntrarjament għal dak li tallega l-intervenjenti, hija tinvoka għalhekk kull wieħed minn dawn l-element insostenn tal-argument ifformulat fil-paġni 2 u 3 tal-imsemmija nota. Għandu jitqies li tali riferiment huwa biżżejjed sabiex jindika li r-rikorrenti allegat ir-rilevanza ta' dawn il-provi għall-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell. Madankollu, ma jidhirx li l-Bord tal-Appell eżamina r-rilevanza eventwali ta' provi supplimentari prodotti mir-rikorrenti (ara, b'analoġija, is-sentenza Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 116).

95 Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi enfasizzat li teħid inkunsiderazzjoni eventwali tal-provi addizzjonali tal-użu mit-trade mark, prodotti wara l-iskadenza tat-terminu msemmi fir-Regola 22(w) tar-Regolament Nru 2868/95, ma jeħtieġx neċessarjament li l-persuna kkonċernata tkun sabitha impossibbli li tipproduċi dawn l-elementi fl-imsemmi terminu (ara, b'analoġija, is-sentenza Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 117).

96 Fir-raba' u l-aħħar lok, l-allegazzjoni tal-intervenjenti, allegatament ibbażata fuq il-ġurisprudenza, li tipprovdi li l-motivazzjoni tal-Bord tal-Appell tista' tkun impliċita, bħal fil-każ fil-punt 16 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 15 iktar 'il fuq), peress li huwa ma jistax jiġi meħtieġ minnha li jipprovdi espożizzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti r-raġunamenti kollha esposti mill-partijiet quddiemu, ma tistax tintlaqa'.

97 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-ġurisprudenza invokata mill-intervenjenti tapplika biss għall-kundizzjoni espressa li l-motivazzjoni tippermetti, minn naħa, lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu r-raġunijiet li għalihom id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell ġiet adottata u, min-naħa l-oħra, li l-qorti kompetenti li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2008, Reber vs UASI — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (Mozart), T-304/06, Ġabra, EU:T:2008:268, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata].

98 Mill-punti 47 sa 69 iktar 'il fuq jirriżulta li din il-kundizzjoni ma hijiex issodisfatta f'dan il-każ, tal-inqas għal dak li jikkonċerna d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell rigward it-teħid inkunsiderazzjoni tal-provi prodotti għall-ewwel darba quddiemu, b'tali mod li l-imsemmija ġurisprudenza tirriżulta li hija inapplikabbli f'dan il-każ.

99 Bl-istess mod, f'dan il-każ tirriżulta inapplikabbli l-ġurisprudenza invokata mill-UASI, li tipprovdi li nuqqas ta' motivazzjoni, anki li kieku kellu jirriżulta b'dan il-mod, ma għandux, bħala tali, iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata peress li huwa irrilevanti fuq il-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata [sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, "Rauscher" Consumer Products vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' tampon), T-492/11, EU:T:2013:421, punt 34], preċiżament minħabba n-nuqqas li tiġi ssodisfatta tali kundizzjoni, l-effett tan-nuqqas ta' motivazzjoni fuq il-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata f'dan il-każ kien espost fil-punti 47 sa 69 iktar 'il fuq.

100 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi konkluż li t-tielet motiv huwa fondat, inkwantu l-Bord tal-Appell baqa' ma eżerċitax, b'mod oġġettiv u motivat, is-setgħa diskrezzjonali sabiex jiddeċiedi jekk kienx hemmx lok jew le li jieħu inkunsiderazzjoni l-provi addizzjonali prodotti quddiemu għall-ewwel darba, barra t-terminu stabbilit mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

101 Barra minn hekk, peress li l-kwistjoni dwar jekk kienx hemmx lok jew le li jieħu inkunsiderazzjoni l-provi addizzjonali prodotti quddiemu ma kinitx ġiet eżaminata mill-Bord tal-Appell, ma kienx l-obbligu tal-Qorti Ġenerali li teżaminaha, għall-ewwel darba, fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha ta' legalità tad-deċiżjoni kkontestata [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Lulju 2011, Edwin vs UASI, C-263/09 P, Ġabra, EU:C:2011:452, punti 72 u 73; tat-12 ta' Mejju 2010, Beifa Group vs UASI - Schwan-Stabilo Schwanhäußer (Strument tal-kitba), T-148/08, Ġabra, EU:T:2010:190, punt 124; u tal-14 ta' Diċembru 2011, Völkl vs UASI — Marker Völkl (VÖLKL), T-504/09, Ġabra, EU:T:2011:739, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata].

102 Għaldaqstant il-Bord tal-Appell għandu jevalwa, b'mod partikolari billi josserva t-tagħlim li jirriżulta mill-ġurisprudenza u mis-sentenza preżenti, billi jieħu inkunsiderazzjoni kif xieraq taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti kif ukoll billi jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu f'dan ir-rigward, jekk hemmx lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-provi addizzjonali prodotti quddiemu mir-rikorrenti, sabiex jagħti d-deċiżjoni li huwa mitlub jagħti dwar l-appell li għad għandu quddiemu (ara, b'analoġija, is-sentenza Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2013:593, punt 119).

103 Fid-dawl tal-fondatezza tat-tielet motiv, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu eżaminati l-ewwel u t-tieni motivi, hemm lok li jintlaqa' r-rikors u, għalhekk, li tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata.

Fuq l-ispejjeż

104 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba.

105 Peress li l-UASI u l-intervenjenti tilfu, hemm lok, minn naħa, li l-UASI jiġi kkundannat għall-ispejjeż, minħabba l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mir-rikorrenti, skont it-talbiet ta' din tal-aħħar, u, min-naħa l-oħra, li tiddeċiedi li l-intervenjenti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-deċiżjoni tar-Raba' Awla tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u disinni) (UASI) tas-26 ta' Marzu 2012 (Każ R 2506/2010-4) hija annullata.**

2) **L-UASI għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn CEDC International sp. z o.o.**

3) **Underberg AG għandha tbati l-ispejjeż tagħha.**

Gratsias Kancheva Wetter

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-11 ta' Diċembru 2014.

Firem